MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 1/2003/2

**Christopher Hall u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine Hall, Alexander Hall u Stephen Hall u b'digriet tal-4 ta' Lulju 2013, Josephine Hall giet awtorizzata tidher fil-kawza f'isimha proprju kif ukoll f'isem u in rappreżentanza ta' binha assenti Alexander Hall**

**v.**

**Awtorita` tad-Djar, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell maghmul mill-intimati, minn sentenza finali moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fis-6 ta' Novembru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li lliberat lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, kompliet tiddeciedi hekk:
"[2] Illi tiddikjara li ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-Kostituzzjoni kif postulat mir-rikorrenti fir-rikors promotur; [3] Illi nonostante dan tapplika r-rimedju awspikat mill-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u in vista tal-valutazzjoni tal-espert tekniku fuq riferita tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti fuq indikati fl-ammont ta' erbatax-il elf Ewro [€14,000] kumpens ghall-kera relattiva ai termini tal-istess valutazzjoni fil-pecentagg fuq riferit; [4] bl-ispejjez jinqasmu bejn il-kontendenti fil-proprozjoni ta' zewg terzi [2/3] ghar-rikorrenti u terz [1/3] ghall-intimati."

**2.** Fir-rikors tal-appell taghhom, l-intimati qed jitolbu, ghar-ragunijiet minnhom hemm indikati, li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Prim Ministru gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, kif ukoll fejn gie dikjarat li ma kienx hemm ksur tal-Kostituzzjoni, thassarha fil-bqija, inkluz il-kap tal-ispejjez; bl-ispejjez kollha a karigu tar-rikorrenti.

**3.** Min-naha taghhom ir-rikorrenti pprezentaw risposta ghall-appell tal-intimati, kif ukoll appell incidentali.

**4.** Rat ir-risposta tal-intimati ghar-risposta u appell incidentali tar-rikorrenti, fejn in linea preliminari ssollevat l-eccezzjoni tan-nullita` tar-risposta u tal-appell incidentali, stante li dawn gew prezentati fuori termini bi ksur tar-regolament 4 [2] tar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura fil-Qrati u tal-Buon Ordni [L.S.12.09].

**5.** Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu giet milqugha l-eccezzjoni preliminari mressqa mill-appellanti, u konsegwentement gie ordnat l-isfilz kemm tat-twegiba tar-rikorrenti ghall-appell tal-intimati, kif ukoll tal-appell incidentali.

**<u>Il-Fatti</u>**

**6.** Fil-qosor il-fatti, kif rakkontati fir-rikors promotur, huma dawn: Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru 9/10, Triq Patri Marjanu Vella, (gia` Triq Rose), tas-Sliema, liema fond Christopher Hall kien akkwistah b'wirt minghand ommu Josephine Hall, xebba Mifsud. Sussegwentement inharget ordni ta' rekwizizzjoni. Fl-4 ta' Gunju, 1973, saret applikazzjoni biex l-imsemmi fond jigi dekontrollat u fil-fatt, kien gie hekk dekontrollat fit-30 ta' Lulju, 1973, skont il-ligi. Fis-6 ta' Lulju, fit-22 ta' Settembru, u fit-22 ta' Novembru, ilkoll tal-1973, is-Segretarju tad-Djar kien hareg tliet (3) ordnijiet ta' rekwizizzjoni fuq l-istess fond liema ordnijiet ma nghatawx fl-interess pubbliku. Fil-31 ta' Lulju, 1973, kien dahal fis-sehh l-Att Numru XXXVII tal-1973, li fl-Artikolu 4 (2) tieghu jistabbilixxi li l-Att japplika retroattivament. Ir-rikorrenti jissottomettu li l-imsemmi Artikolu 4 (2) hu null u minghajr effett peress li jivvjola l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja. Fl-20 ta' Marzu, 1974, is-Segretarju tad-Djar alloka l-fond inkwistjoni lil Joseph Fava li pero` qatt ma gie rikonoxxut bhala nkwilin u li sal-lum ghadu jokkupa l-imsemmi fond.

**7.** Illi in bazi ghall-premess, fir-rikors promotur taghhom ir-rikorrenti ghamlu s-segwenti talbiet, u cioe` li l-Qorti:

"1. Tiddikjara li l-artiklu 4 (2) ta' l-Att Numru XXXVII ta' l-1973 hu in vjolazzjoni ta' l-artiklu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

"2. Tiddikjara t-tlett ordinijiet ta' rekwizizzjoni datati s-6 ta' Lulju, it-22 ta' Settembru u t-22 ta' Novembru, ilkoll tal-1973 bhala abbuzivi u lezivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

"3. Tirrevoka l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni fuq imsemmija;

"4. Taghti kull rimedju iehor necessarju u opportun skont l-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;"

**8.** Illi b'sentenza parzjali moghtija fil-21 ta' Frar 2006, l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-intimati li taqra hekk:

"… l-azzjoni hi nfondata *ratione temporis* ai termini tal-artikolu 7 tal-Att XIV tal-1989 li jistipula li l-ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali qabel it-30 ta' April 1987 ma jaghti lok ghall-azzjoni taht l-artikolu 4 tal-istess Att."

**9.** Fid-decizjoni taghha li biha laqghet it-tieni eccezzjoni, l-ewwel Qorti osservat li f'dak l-istadju kien jibqa' biex jigi deciz jekk hemmx vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

## Is-Sentenza Appellata

**10.** Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha kontenuta fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"- - Omississ - -

"Illi l-vertenza finali in dizamina essenzjalment fil-meritu tirrigwarda sintetikament is-segwenti:

"1. Illi qed jigi allegat mir-rikorrenti li l-artiklu 4 (2) tal-Att XXXVII tal-1973 u l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni ndirizzati fuq il-fond 9/10, Triq Patri Marjanu Vella, tas-Sliema, jilledu l-artiklu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem;

"2. Illi l-Prim Ministru gia` hu liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li r-rikorrenti kienu rtiraw it-talbiet minnhom indirizzati fil-konfront tieghu;

"3. Illi in vista tal-fatt li statutorjament gie stabbilit li atti amministrattivi maghmula qabel it-30 t'April, 1987,

ma jistghux jigu mistharrga mill-perspettiva tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina, allura l-procedura odjerna hi effettivament nulla u minghajr effett;

“4. Illi dan hawn sintetikament espost gia` gie deciz u ghadda in gudikat;

“5. Illi taqbel mal-intimati li l-vertenza odjerna hi issa biss limitata ghar-risoluzzjoni tas-segwenti:

“i. Jekk l-artiklu 4 (2) tal-Att XXXVII tal-1973 jiksirx l-artiklu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“ii. Jekk it-tlett (3) ordnijiet ta’ rekwizizzjoni de quo jilledux l-artiklu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“iii. Jekk dawn l-istess ordnijiet ta’ rekwizizzjoni jiksrux ukoll l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina;

“Ikkunsidrat:

“Illi minn analizi tax-xhieda u dokumenti esposti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

“1. Illi r-rikorrenti jirrizultaw li huma eredi biss ta’ 1/7 tal-fond in dizamina li fuqu qed jagixxu f’din il-procedura;

“2. Illi l-fond de quo kien gie rekwizizzjonat fis-6 ta’ Lulju, 1973, u wara dekontrollat fit-30 ta’ Lulju, 1973;

“3. Illi pero` l-Att XXXVII tal-1973 li gie fis-sehh gurnata wara, senjatament fil-31 ta’ Lulju, 1973, stabbilixxa fl-artiklu 4 (2) tieghu li kull dekontroll mahrug qabel il-31 ta’ Lulju, 1973, kien meqjus minghajr effett;

“4. Illi ghalhekk b’effett tal-istess emendi ndikati fil-paragrafu precedenti l-fond in dizamina rega’ gie mqieghed taht ordni ta’ rekwizizzjoni daqs li kieku dejjem baqa’ rekwizizzjonat;

“5. Illi biex zgur ma jkun hemm l-ebda ekwivoku fir-rigward inhargu zewg (2) ordnijiet ta’ rekwizizzjoni ohra fuq l-istess fond datati t-22 ta’ Settembru u t-22 ta’ Novembru, 1973, tal-ewwel f’idejn Mary Hall u tal-ahhar f’idejn Nina England Sant Fournier – it-tnejn estranei ghall-procedura in dizamina;

“6. Illi permezz ta’ ittra datata l-20 ta’ Marzu, 1974, Josephine Hall kienet infurmata li l-fond de quo kien gie allokat lil Joseph Fava ghal skopijiet t’akkomodazzjoni socjali li jirrizulta li dahal jokkupa l-imsemmi fond ftit wara u ghadu jokkupah sal-lum;

“7. Illi r-rikorrenti qatt ma rrikonoxxew lill-okkupant fuq indikat u qatt ma kkontestaw din l-okkupazzjoni jew il-kumpens stabbilit;

“Ikkunsidrat:

“Illi epurati l-fatti saljenti fuq sintetikament esposti jigu issa ndirizzati l-vertenzi legali ndirizzati mir-rikorrenti;

“Illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta’ tehid furzat allegat mir-rikorrenti ghandu jinghad li biex tigi estiza l-protezzjoni statutorjament stabbilita fil-kostituzzjoni jehtieg li jkun hemm privazzjoni ta’ proprjeta` b’effett dirett ta’ xi att ta’ l-istat u mhux bizzejjed li jkun hemm privazzjoni tad-dritt mat-tgawdija pacifika bhala rifless ta’ tali att, (Mintoff vs Prim Ministru et, Qorti Kostituzzjonali, 30 t’April, 1996);

“Illi kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Galea et vs Briffa tat-30 ta’ Novembru, 2001, u Amato Gauci vs Avukat Generali et tas-26 ta’ Mejju, 2006:

““Hi allura l-fehma ta’ din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta’ tehid ta’ proprjeta` jew ta’ jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta’ limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjeta`;

"Illi ghalhekk tenut kont tar-rizultanzi fuq sintetikament esposti, ma jirrizultax li kien hemm tehid obbligatorju tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

"Illi ghalhekk bir-riattivazzjoni tar-rekwizizzjoni in dizamina bhala konsegwenza tal-artiklu 4 (2) tal-Att XXXII tal-1973 ma jistax li allura awtomatikament gie lez id-dritt tar-rikorrenti kif sancit mill-artiklu 37 (1) tal-Kostituzzjoni, u dan, stante li b'effett tal-istess ma kienx hemm tehid ta' proprjeta` u r-rikorrenti flimkien mal-awturi taghhom kienu xorta ndikati bhala s-sidien tal-proprjeta` de quo;

"Illi ghalhekk fid-dawl tal-precitat artiklu 37 (1) tal-Kostituzzjoni, l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni de quo ma jilledux id-drittijiet tar-rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol fuq riferit ghandu jigi ribadit is-segwenti:

"1. Illi l-ordnijiet ta' rekwizizzjonijiet in dizamina nhargu skont il-ligi, senjatament l-artiklu 3 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi l-istess ordnijiet in dizamina nhargu ghal skop pubbliku statutorjament sancit, u dan, biex tizgura distribuzzjoni ekwa ta' djar residenzjali – u ghalhekk bi skop socjali fl-interess tal-gid komuni;

"3. Illi l-passi mehuda mill-awtur precedenti tal-intimat Awtorita` tad-Djar kienu proporzjonati u dan anke fid-dawl ta' Apap Bologna vs Ciantar et, (Qorti Kostituzzjonali datata l-24 ta' Frar, 2012), fejn intqal:

""Il-fatt biss li … kien hemm nuqqas ta' fair balance billi l-appellant kien qed jinghata kera baxxa, ma jigix radrizzat billi appellant jinghata l-kera kollha li kien idahhal kieku l-post ma kienx rekwizizzjonat. F'kazijiet bhal dawn, fejn jittiehdu mizuri legittimi fil-qasam ta' akkomodazzjoni socjali, il-kumpens jista' jkun anqas mill-kumpens shih kieku wiehed kellu joqghod biss fuq is-suq liberu";

"Ikkunsidrat:

"Illi ghal dak li jirrigwarda l-valutazzjoni pprezentata mill-espert tekniku fuq riferit jinghad sintetikament is-segwenti:

"1. Illi wasal ghal valur lokatizju komplessiv mill-1973 sal-2011 ghall-valur ta' tmienja u disghin elf, mija u hamsa u erbghin Ewro, (€98,145.00);

"2. Illi fir-rigward il-qorti tistrieh kompletament fuq ir-rizultanzi tal-perit fuq riferit u taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-istess;

"3. Illi pero`, tenut kont li rrizulta assodat li r-rikorrenti ghandhom biss 1/7 tal-fond, allura l-ammont lokatizju li wasal ghalih l-istess perit qed jigi raddrizzat ghal percentagg de quo;

"Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, din il-qorti tiddeciedi l-vertenza odjerna billi takkolji r-risposti tal-intimati u tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti b'dan ghalhekk:

"1. Illi tillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju;
"2. Illi tiddikjara li ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-Kostituzzjoni kif postulat mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

"3. Illi nonostante dan tapplika r-rimedju awspikat mill-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u in vista tal-valutazzjoni tal-espert tekniku fuq riferita tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti fuq indikati l-ammont ta' erbatax –il elf Ewro, (€14,000.00), kumpens ghall-kera relattiva ai termini tal-istess valutazzjoni fil-percentagg fuq riferit;

"Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-kontendenti fil-proporzjon ta' zewg terzi (2/3) ghar-rikorrenti u terz (1/3) ghall-intimati."

**<u>L-Appell</u>**

**11.** Dan hu msejjes principalment fuq tliet aggravji: [1] li hemm kontradizzjoni fis-sentenza appellata, peress li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment taghti kumpens lir-rikorrenti meta ma sabitx ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni; [2] li, subordinatament, ma kellux jinghata kumpens bazat fuq il-valur lokatizju shih tal-proprjeta` fis-suq miftuh; [3] li m'ghandhomx jigu allokati spejjez.

*L-Ewwel Aggravju*

**12.** Permez ta' dan l-aggravju l-appellanti jsostnu li s-sentenza hija kontradittorja inkwantu li akkordat kumpens lir-rikorrenti meta ma sabet ebda lezjoni kostituzzjonali. Jghidu li:

"… gjaladarba l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ma sabet l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti appellati allura hija ma setghetx tordna lill-appellanti jhallsuhom kumpens pekunjarju. Dan ghas-semplici raguni li biex seta' jigi ordnat il-kumpens l-ewwel ried ikun hemm sejbien ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali."

**13.** Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa bazat fuq ragunament legalment korrett. L-ghoti tal-kumpens huwa rimedju ghal-lezjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali subita, u, ghalhekk fl-assenza ta' lezjoni m'hemmx dritt ghal ebda rimedju.

**14.** Inoltre, il-fatt li l-ewwel Qorti fil-provvediment moghti minnha fl-14 ta' Ottubru 2010 kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex issir valutazzjoni tal-fond ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni kif qed jigi sottomess mill-appellati, ghax l-ghoti tal-kumpens jibqa' dejjem soggett ghas-sejba ta' lezjoni fis-sentenza finali. Fi kliem iehor, il-fatt li l-ewwel Qorti accettat li matul l-andament tal-kawza jitressqu provi dwar il-valur tal-fond diretti sabiex jigi stabbilit il-kumpens, jekk ikun il-kaz, ma jistax jiftiehem, kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti, li allura kien hemm necessarjament dritt ghal kumpens.

**15.** Kif lanqas hu sostenibbli l-argument tal-appellati li "independentement minn kull konsiderazzjoni ohra dwar l-ordnijiet tar-rekwizizzjoni, il-fatt li kien hemm nuqqas ta' kumpens gust ifisser li l-appellati kienu sofrew danni jew nuqqas ta' kumpens, li jinnecessita rimedju, anke li kieku stess kien qed jitqies li l-ordnijiet ta' rekwizizzjoni ma kienux saru bi ksur ta' drittijiet kostituzzjonali."[1]

**16.** Hawnhekk ir-rikorrenti qed jhalltu l-kuncett tad-danni civili mad-danni morali moghtija ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u donnhom qed jghidu li ghax skont huma sofrew danni civilment, allura dan jinnecessita rimedju. Din l-argument huwa legalment zbaljat, ghax il-bazi tar-rimedju mhumiex id-danni civili, izda l-lezjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali [ara, fost ohrajn, **Q.Kos.Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali et**, 15 Mejju 2012], u l-ewwel Qorti sabet li tali lezjoni ma kinitx tezisti fil-kaz *de quo*.

**17.** Ir-rikorrenti jirreferu ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, fl-24 ta' Frar 2012, fl-ismijiet **Louis Apap Bologna v. Calcidon Ciantar**, u jghidu li din is-sentenza "indirettament tikkoncedi li meta jkun hemm nuqqas ta' *fair balance*, anke meta t-tehid ta' proprjeta` jigi kkunsidrat bhala wiehed legittimu, xorta wahda jkun hemm dritt ghal kumpens."[2] Huma jaghmlu referenza ghal siltiet mill-imsemmija sentenza diretti, skont huma, biex isostnu l-argument taghhom li anke jekk ma jkunx hemm ksur, xorta wahda hemm dritt ghall-kumpens jekk minhabba li l-kera tkun baxxa, ma jkunx nzamm il-*fair balance*.

**18.** Dak li donnu qed jisfuggi lir-rikorrenti hu l-principju abbraccjat minn din il-Qorti u mill-Qorti Ewropeja li, anke jekk il-mizura li jkun ha l-Istat tkun legittima u tkun fl-interess pubbliku, <u>xorta wahda tista' twassal ghal-lezjoni konvenzjonali</u> jekk ma jinzammx bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` generali u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-

[1] Nota sottomissjonijiet rikorrenti – fol.129
[2] Ibid. fol.129

Konvenzjoni, b'mod li l-mizura, allura legittima, tkun titfa' fuq l-individwu *"a disproportionate and excessive burden."*

**19.** Kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-**Hutten-Czapuska v. Poland**, 19 ta' Gunju 2006, dwar ir-rabta bejn il-fattur tal-isproporzjonalita` u s-sejba ta' lezjoni konvenzjonali:

*"Not only must an interference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle, a legitimate aim and in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. The requirement is expressed by the notion of "a fair balance" that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that article the court must therefore ascertain whether by reason of the States' interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden."*[3]

[ara ukoll, **James and Others v. The United Kingdom**; u **Sporrong & Lonnroth v. Sweden**, deciza 18 Dicembru 1994].

**20.** Fil-kawza ***Louis Bologna*** fuq citata, il-Qorti, ghalkemm ikkonkludiet li l-ordni ta' rekwizizzjoni kienet wahda legittima u fl-interess socjali, xorta wahda waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol, fil-konfront tas-sid, stante li l-kera kienet baxxa hafna relatata mal-valur tal-fond, u ghalhekk ma kienx intlahaq il-bilanc gust.

**21.** Izda fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti ma sabet ebda vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali, tant li fil-parti dispozittiva tas-sentenza ghaddiet biex cahdet it-talbiet

[3] Par.166

relevanti tar-rikorrenti, u ghalhekk ma kienx legalment konsentit li taghti rimedju skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

**22.** Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-intimati huwa fondat.

*It-Tielet Aggravju*

**23.** Dan jirrigwarda l-kap tal-ispejjez. L-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez jigu spartiti bejn il-partijiet, inkwantu ghal zewg terzi [$^2/_3$] jithallsu mir-rikorrenti, filwaqt li r-rimanenti terz [$^1/_3$] jithallas mill-intimati.

**24.** Din il-Qorti, tenut kont li l-ewwel aggravju gie kkunsidrat gustifikat minn din il-Qorti, hija tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez, kif ser jigi indikat fil-parti dispozittiva tas-sentenza.

**25.** Inoltre, tenut kont li l-ewwel aggravju qed jigi milqugh, mhux il-kaz li din il-Qorti tikkunsidra t-tieni aggravju tal-intimati.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi, tilqa' l-appell tal-intimati, u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn gie akkordat kumpens lir-rikorrenti, b'referenza ghar-raba' talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur, u tikkonferma s-sentenza ghal bqija, salv temperament fl-ispejjez li ghandhom jigu spartiti kif gej: l-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti, filwaqt li dawk relattivi ghall-appell ghandhom jithallsu inkwantu ghal tlett kwarti [$^3/_4$] mir-rikorrenti, filwaqt li r-rimanenti kwart [$^1/_4$] ghandu jkun a karigu tal-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------